MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-3 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 28/2003

Marco Attard fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju ta' l-imsefrin Anthony u Mary konjugi Aquilina .

VS

Angelo sive Lino u Alice konjugi Debono .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta :

Illi l-konvenuti huma d-detenturi ta' hames mitt (500) azzjoni ordinarja ta' lira maltija (Lm1) 'il wahda fis-socjeta' Trillium Investments Company Limited, bin-numru C 14718 .

Illi skond kitba privata tat-tmienja (8) ta' Frar tal-elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) il-partijiet qablu li l-konvenut

kellu jzomm dawn l-azzjonijiet fl-interess esklussiv ta' l-atturi bi flus ipprovduti mill-istess atturi (Dok. A) ;

Illi wahda mill-pattijiet u kundizzjonijiet ta' dak il-ftehim kienet fis-sens li l-atturi rriservaw il-jedd li jirrekjedu minghand l-konvenuti t-trasferiment ta' l-istess ishma f'isimhom jew f'isem terza persuna maghzula minnhom bil-pattijiet u kundizzjonijiet hemm stabbiliti ;

Illi permezz ta' zewg ittri interpellatorji wahda tad-dsatax (19) ta' Dicembru ta' l-elfejn u tnejn (2002) u ohra ta' l-erbatax (14) ta' Frar ta' l-elfejn u tlieta (2003), u ittra ufficjali pprezentata fi Frar elfejn u tlieta (2003) l-atturi sejhu lill-konvenuti sabiex jaddivjenu ghat-trasferiment a favur taghhom ta' l-istess ishma .

Illi minkejja dawn l-interpellazzjonijiet il-konvenuti baqghu inadempjenti minghajr ebda gustifikazzjoni kwalsiasi .

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :

1. Jekk hemm bzonn tiddikjara li l-konvenuti huma obbligati fit-termini tal-kitba fuq riferuta sabiex jersqu ghat-trasferiment a favur ta' l-atturi ta' l-azzjonijiet minnhomipposseduti fis-socjeta' Trillium Investments Company Limited .

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konveniti sabiex f'data hin u lok li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti l-konvenuti jersqu sabiex jipprestaw il-kunsens taghhom ghat-trasferiment ta' dawn l-ishma u sabiex jaghmlu dawk il-pratiki l-ohra kollha mehtiega ghall-iskop ta' dan it-trasferiment fit-termini tal-kitba fuq riferuta .

3. Tahtar kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq tali trasferiment .

Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri interpellatorji tad-dsatax (19) ta' Dicembru elfejn u tnejn (2002) u l-erbatax

(14) ta' Frar ta' l-elfejn u tlieta (2003) u l-ittra ufficjali pprezentata fi Frar elfejn u tlieta (2003) .

Bir-riserva ta' kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni debitament imharrka .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess attur nomine kkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni .

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konjugi Debono li permezz taghha eccepew :

1. Illi, in linea preliminari, dan il-gudizzju mhux integru il ghaliex, trattandosi minn ishma fis-socjeta' 'Trillium Company Limited" illi taghha huma azzjonisti wkoll l-istess attur Marco Attard proprio u martu Anna Attard, u illi fit-termini tal-Memorandum u Articles of Association tal-kumpannija t-trasferibilita' tal-ishma hija ristretta, hija necessarja l-prezenza ta' l-imsemmi Marco Attard proprio u Anna Attard f'din il-kawza .

2. Illi dejjem in linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, minghajr pregudizzju ghall-premess d-domandi attrici huma intempestivi u ghalhekk il-konvenuti eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra l-atturi .

3. Illi infatti fit-termini tal-iskrittura tat-8 ta' Frar 1993, l-atturi kienu intitolati ghal profitti ekwivalenti ghal interessi bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena, jew b'dik ir-rata oghla permessa mil-ligi b'dan illi l-interessi massimi ma kellhom qatt jeccedu t-tnax fil-mija (12%) fis-sena . In effetti mill-gestjoni tal-kumpanija, gew realizzati profitti ferm aktar minn din ir-rata, u dawn il-profitti ttiehdu interament mill-atturi kuntrarjament ghal dak stipulat fl-iskrittura . L-esponenti talab lill-azzjonisti l-ohra illi kienu fil-fatt jiehdu hsieb il-kotba tal-kumpannija r-rendikont tal-

gestjoni tal-kumpanija u sal-lum ghadhom ma gewx provduti b'tali rendikont .

4. Illi l-eccipjenti jissottomettu illi din il-kawza ma tistax tinstema u tigi deciza qabel ma jkun inghata tali rendikont u l-esponenti jkunu thallsu l-profitti spettanti lilhom fit-termini tal-iskrittura; u ghal hekk f'dan l-istadju, l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez ;

5. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-obbligazzjoni li l-atturi qed jfittxu li jinfurzaw permezz ta' dawn il-proceduri minnhom istitwiti mhix enforzabbli ghaliex il-kawza taghha hija wahda illecita .

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

7. Illi l-eccipjenti jridu jipprevalixxu ruhhom minn din il-procedura billi jintavolaw l-infraskrittura rikonvenzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti konjugi Debono, konfermata bil-gurament ta' Lino Debono .

Rat ukoll il-kontro talba ta' l-istess konvenuti li permezz taghha wara li ppremettew :

Illi fit-termini tal-iskrittura tat-8 ta' Frar 1993, l-atturi kienu intitolati ghal profitti ekwivalenti ghal interessi bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena, jew b'dik ir-rata oghla permessa mil-ligi b'dan illi l-interessi massimi ma kellhom qatt jeccedu t-tnax fil-mija (12%) fis-sena . In effetti mill-gestjoni tal-kumpannija, gew realizzati profitti ferm aktar minn dik ir-rata, u dawn il-profitti ttiehdu interament mill-atturi kuntrarjament ghal dak stipulat fl-iskrittura ;

Illi l-esponenti jridu illi jinghataw rendikont korrett u dettaljat tad-dhul u profitti generati mill-imsemmija socjeta' kummercjali 'Trillium Company Limited', u jridu illi jithallsu lilhom dawk il-profitti realizzati minn din il-kumpannija illi

jeccedu r-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-kapital investit mill-atturi ;

Illi inoltre l-esponenti jhossu illi huwa dovut lilhom kumpens gust u xieraq in vista tal-fatt illi huma pprestaw isimhom bhala azzjonisti f’din il-kumpannija, u tal-fatt illi ghal ghaxar snin shah huma jew min minnhom dehru bhala azzjonisti u/jew direttur ta’ din il-kumpannija, u esegwew id-dmirijiet taghhom f’dan ir-rigward fedelment u skond l-istruzzjonijiet u informazzjoni moghtija lilhom minn zmien ghal zmien mid-diretturi u azzjonisti l-ohra tal-kumpannija u mill-istess atturi ;

Illi l-atturi qeghdin jirrifjutaw illi jghaddu dawn il-profitti lill-esponenti kif ukoll qeghdin jirrifjutaw illi jhallsu lill-esponenti l-kumpens gust u xieraq mitlub minnhom .

Talbu lill-atturi rikonvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti ;

1. Tordnalkom sabiex tipprezentaw rendikont dettaljat, korrett u fidil tal-profitti kollha generati u realizzati mill-gestjoni tal-imsemmija kumpannija, kif ukoll tal-ammonti percepiti minnkom minn tali gestjoni ;

2. Tikkundannakom sabiex thallsu lill-konvenuti dik il-parti minn tali profitti illi teccedi r-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-ammont investit minnkom ;

3. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, il-kumpens gust u xieraq pagabbli lill-konvenuti in vista tal-fatt illi huma pprestaw isimhom bhala azzjonisti f’din il-kumpannija, u tal-fatt illi ghal ghaxar snin shah huma jew min minnhom dehru bhala azzjonisti u/jew direttur ta’ din il-kumpannija, u ezegwew id-dmirijiet taghhom f’dan ir-rigward fedelment u skond l-istruzzjonijiet u informazzjoni moghtija lilhom minn zmien ghal zmien mid-diretturi u azzjonisti l-ohra tal-kumpannija u mill-istess atturi ;

4. Tikkundannakom thallsu lill-istess konvenuti dan il-kumpens kif hekk likwidat .

Bl-ispejjez kollha kontra taghkom .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom ingunti .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur nomine, li permezz taghha eccepixxa illi :

1. Preliminarjament hemm in-nullita' u l-irritwalita' fit-talbiet tal-konvenuti billi ma jezistux il-parametri stabbiliti bil-ligi sabiex issir ir-rikonvenzjoni .

2. Preliminarjament ukoll illi l-atturi ma humiex il-legittimi kuntraditturi tal-konvenuti ghal dak li jirrigwarda l-ewwel talba tal-konvenuti . Din hija improponibbli u ma tistax tissussisti kif proposta kontra l-atturi u se mai kellha ssir fil-konfront tas-socjeta' Trillium Company Limited . L-esponenti certament huwa estranewu ghall-amministrazzjoni tas-socjeta' Trillium Company Limited li taghha Lino Debono huwa direttur . Se mai imisshom kienu l-konvenuti li hadu hsieb jipprokuraw dan ir-rendikont a soddisfazzjon ta' l-atturi . Il-fatt li l-konvenuti ma humiex l-inqas f'pozizzjoni li jaghtu kont tal-gestjoni taghhom tal-kumpanija jista jkun l-aqwa evidenza ta' kemm hu skorrett dak li jiddikjaraw dwar is-suppost partecipazzjoni taghhom fil-gestjoni tal-kumpanija .

3. Preliminarjament ukoll l-esponenti l-inqas huma l-legittimi kuntradditturi ghall-finijiet tat-talba ghall-hlas ta' xi parti mill-profitti li ghamlet il-kumpanija Trillium Company Limited . Proprju skond it-termini tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet il-profitti ossia dividends spettanti lill-atturi salv ghal dik il-parti li huma awtorizzati jzommu l-istess konvenuti .

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponenti la huma f'pozizzjoni u l-inqas huma tenuti li jipprovdu xi rendkkont ta' l-amministrazzjoni u gestjoni ta'

dik is-socjeta’ li fiha l-inqas biss huma azzjonisti u wisq inqas diretturi .

5. Illi dejjem minghajr pregudizzju, ma hux minnu li l-atturi rcevew xi profitti . Kull ma ha l-attur kienu xi pagamenti akkont ta’ hlasijiet ta’ ammont ta’ flus minnhom mislufa lill-kumpanija Trillium Company Limited .

6. Illi la skond il-principji genrerali ta’ dritt u l-inqas a bazi ta’ l-arrangament li kien hemm bejn il-partijiet ma hija gustifikata t-talba ta’ l-atturi ghal xi kumpens .

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess ma sar ebda xoghol mill-konvenuti a beneficcju ta’ l-attur li ghalih jimmeritaw xi retribuzzjoni .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur nomine ghal din il-kontro talba kkonfermata bil-gurament tieghu .
Rat il-verbal tal-kontendenti tal-5 ta’ Dicembru, 2003, li permezz tieghu talbu li tinghata sentenza fis-sens illi jigi dikjarat li l-partecipazzjoni ta’ Lino u Alice Debono fis-socjeta’ Trillium Investments Company Limited, bin-numru ta’ registrazzjoni C 14718 kienet mill-bidu nett bhala prestanome u fl-interess esklussiv ta’ Anthony u Maria Aquilina .

Rat in-nota tal-konvenuti illi biha ammettew it-talbiet attrici stante tranzazzjoni . Din in-nota giet pprezentata fl-istess udjenza tal-hamsa (5) ta’ Dicembru 2003 .

Rat ukoll nota ohra ta’ l-istess konvenuti li ggib l-istess data wkoll, li biha cedew il-kontro citazzjoni taghhom, stante tranzazzjoni ta’ l-istess gurnata.

Rat ukoll il-verbal tal-partijiet li sar fl-udjenza tal-lum, fejn talbu wkoll il-Qorti tordna l-kundanna tal-konvenuti sabiex jipprestaw kull kunsens mehtieg sabiex l-ishma mertu ta’ din il-kawza jigu registrati f’isem l-atturi.

Il-Qorti ghal hekk, in vista ta' din it-tranzazzjoni tiddecidi l-kawza billi tiddikjara illi l-partecipazzjoni tal-konvenuti Lino u Alice Debono fis-socjeta' Trillium Investments Company Limited bin-numru tar-registrazzjoni C 14718, kienet mill-bidu nett bhala prestanome u fl-interess esklussiv ta' Anthony u Maria Aquilina kif rapprezentati minn l-attur nomine; Tordna ghal hekk lill-konvenuti sabiex jipprestaw kwalunkwe kunsens mehtieg sabiex l-ishma mertu ta' din il-kawza jigu registrati f'isem l-istess atturi .

In vista tat-tranzazzjoni raggunta bejn il-kontendenti, l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa .
S2803Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------